KUNSILL LOKALI IL-ĦAMRUN

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali l-Ħamrun

## Id-Disa' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 14

Laqgħa tal-kunsill Lokali Il-Ħamrun, fis-sala tal-Kunsill, nhar l-Erbgħa 18 ta' Ġunju, 2025, fil-5.30p.m.

**PREŻENTI:**

Christian Sammut
Vince Bonello
Jean Carl Agius Ciscaldi
Mario Calleja
Maria Baldacchino
Aymen Grech Pace
Antoine Vassallo
Maria Mallia

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Tanya Agius Borg – Segretarju Eżekuttiv

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Carmen Borg

Is-Sindku Christian Sammut jippresjedi l-laqgħa

**14.02 Approvazzjoni tal-minuti tal-laqgħa preċedenti**

14.02.01 Fuq ix-xogħolijiet ta' Pjazza 7 ta' Ġunju twaħħlu xi u-bars mad-dawra tal-din il-pjazza ħabba li kien qed isir xi parkeġġ ħażin, filwaqt li saret talba biex sakemm jiżdiedu l-cameras tiċċaqlaq waħda mill-kameras li hemm biex dik tkun tista' twassal filmati għal min ikun se jitla' fil-parti ta' fuq.

14.02.02 Rigward ix-xogħolijiet tar-Roof Garden dan għadu għaddej, filwaqt li l-lift għandu jkun lest sa Awwissu.

14.02.03 Is-Sindku tkellem rigward l-*issue* tal-Y-plates fil-parkeġġ, li jidher is-sitwazzjoni hija aħjar, wara li saret karta li eventwalment qed teħel ma' dawn il-karozzi. Saret diskussjoni libera fuq dan il-każ fejn wara li l-kunsill ra x'karozzi baqa', ġiet mitkellma il-kumpanija MCP.

14.02.04 L-attività tar-Rabbat saret u n-nies ħadu gost. Saret talba minn nies biex dawn l-attivitajiet jsiru aktar ta' spiss. Fuq ix-xogħolijiet dawn se jitkomplew, għal fatt li għandu jiżdied u jitranġa *cable*, li miegħu se jkun hemm imqabbad id-dawl u l-funtana.

14.02.05 L-American Car Show sar u kien suċċess. Kien hemm minn staqsa għala saru karozzi Amerikani biss, però l-kunsill ġie avviċinat biex jiġi organizzat show ieħor.

14.02.06 Fuq din l-attività saret diskussjoni libera fejn il-Kunsillier Jean Carl Agius Ciscaldi qal li kien ikun importanti li jkun hemm aktar dawl u kif ukoll ikollna stage aħjar. Fuq dan il-punt ġie diskuss ukoll li dan kollu jirrikjedi ammont konsiderevoli ta' flus filwaqt li ssoktat id-diskussjoni libera.

14.02.07 Rigward il-possibilità ta' attivitajiet tal-Milied dawn se jiġu diskussi fil-laqgħat li ġejjin.

14.02.08 Is-Sindku nforma lill-kunsilliera li fiż-żmien li ġej se jkun qed jibda xogħol fuq *cycle line* li se jibda mill-Imsida u jibqa' sejjer għall-Belt Valletta u għal Marsa. Dan jrid jgħaddi mill-Ħamrun, filwaqt li għaddejjin xi xogħolijiet fi Triq Gasan. Dan ix-xogħol waqaf ħabba l-iskola, filwaqt li jitkomplew wkoll ix-xogħolijiet fi Triq San Ġorġ Preca.

14.02.09 Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera ukoll li hekk kif kien tiġa diskuss, fl-okkażjoni tal-Festa tal-Kunċizzjoni n-nar se jitmexxa lejn l-istabbiliment *Gusto*. Qed nistennew biex jagħtina l-post eżatt u wara jagħtuna il-post biex eventwalment jsiru t-tappieri.

14.02.10 Is-Sindku nforma lill-kunsilliera li l-*customer care* mixjin tajjeb bl-impjegati l-ġodda filwaqt li ix-xahar id-dieħel dieħla mill-ġdid l-impjegata li kienet bil-leave tal-maternita'.

14.02.11 L-attività ta' Jum il-Ħamrun, kien tajba u anke l-banda mistiedna kienet waħda tajba ħafna.

14.02.12 Saret laqgħa mal-gwardjan tal-Franġiskani. Jidher li hemm xi ħsarat konsiderevoli fl-istatwa ta' San Franġisk ta' fuq il-kampnar u l-ispejjeż huma kbar. Il-kunsill se jipprova jgħin billi jinġiebu fondi minn xi entitajiet tal-Gvern biex dan ir-restawr ikun jista' jsir. Fuq dan saret diskussjoni libera.

## 14.03 Komunikazzjoni mis-Sindku

14.03.01 Is-Sindku nforma lill-Kunsillieri li x-xogħol fis-Sala Joe Zammit Cordina tlesta. Bħala kunsill ħallas il-materjal u l-ħaddiema kienu min-naħa tad-dipartiment.

14.03.02 Rigward il-Ħamrun Hub qed jiġu avviċinati diversi artisti bil-possibilità li jkun hemm aktar wirjiet f'dan il-post. S'issa hemm ħafna interess u se jsiru xi laqgħat magħhom bil-possibilità li jsiru xi wirjiet.

14.03.03 Ġiet proposta li l-kunsill japplika għall-iskema SPI/SCI/07/2025 Finanzjament – Komunitajiet aktar b'saħħithom u ta' Kwalità. Dan huwa ta' massumu ta' mitt elf u bħala kunsill jrid jinħareġ il-15%. B'din l-iskema l-ħsieb huwa li jiġi rranġat il-bandli ta' Anton Buttigieg. Apparti dan se jkun propost li jkun hemm ukoll open gym għall-anzjani u logħob varjat għat-tfal. L-ammont globali hu ta' €226,413.83. Kunsill jaqbel u japprova li ssir din l-applikazzjoni.

14.03.04 Fuq tenders, bħalissa qed issir l-aġġudikazzjoni għal tal-bulky. Se jkun qed jinħareġ dak tal-konvenjenza pubblika u eventwalment tal-car park. Hemm diversi fatturi li hemm bżonn jidħlu aktar fid-dettal u qed isir xogħol fuqhom. Fuq dan tal-aħħar, fit-tender il-ġdid se jkun qed jikkonsisti u jinkludi lifts, u anke l-barrieri ġodda. Il-prezzijiet relatati mal-*carpark* se jiġu diskussi aktar 'il quddiem.

14.03.05 Is-Sindku qal li l-*issue* tal-*profit sharing* – li kienet hemm qabel – titneħħa u se tiġi li jkun hemm renta fix-xahar. Fit-tender se jkun qed jiġi nkluż ukoll li jekk jiżdiedu kull tip ta' commercial items, dawn jridu jiġu diskussi mal-Kunsill a bażi ta' *profit sharing.*

14.03.06 Is-Sindku nforma lill-Kunsillieri li din il-ġimgħa tkellem mal-Pulizija wara li saret pressjoni rigward in-nies jittalbu. Ittieħdet id-deċiżjoni li jiġu arrestati diversi nies, fejn għalkemm baqa', inġabru ammont tajjeb minnhom. Kien hemm kwistjoni mal-YMCA. Dawn għandhom *drop-in* fil-Ħamrun, fejn dawn jidher li ma' ħadux gost fuq din l-azzjoni. Huwa qal li kiteb lill-kap ta' din l-organizzazzjoni, fejn huwa spjega li dan qed joħloq inkonvenjent, filwaqt li faħħar li x-xogħol li dawn qed jagħmlu huwa tajjeb ħafna. Saret diskussjoni libera fuq din il problema li hawn fil-mument

14.03.07 Is-Sindku nforma lill-Kunsillieri li Infrastructure Malta għalqet Triq is-Santissima Trinità għal fatt li kien hemm ħsarat konsiderevoli fiha. Il-kunsill kien ilu jitlob l-għajnuna fuq din it-triq, però issa jidher li se jibda x-xogħol fiha. Bħala Kunsill ħa ħsieb li jsiru tabelli li fil-mument din it-triq hija one way flokk two way.

14.03.08 Saret diskussjoni fuq il-punt li din it-triq għadha tkun ikkunsidrata li tkun *one way* biss – toħroġ għal Triq il-Kbira. Però huwa tajjeb li jsir studju ta' kif tkun marret b'din l-azzjoni.

14.03.09 Ġiet diskussa l-*issue* ta' Triq Joseph Abela Scolaro, fejn kien ġara l-każ tad-dar li waqat. Bħalissa ma jista' jsir għax għadha għaddejja l-inkjesta, però se nkunu qed naraw min se jkun jista' jagħmel it-tiswijiet meħtieġa.

14.03.10 Is-Sindku nforma lill-kunsillieri rigward xi propjetajiet vojta li hawn fil-lokal, biex dawn jaqgħu taħt il-kunsill, biex il-kunsill ikun jista' jgħin lil dawk l-għaqdiet li m'għandhom fejn jiltaqgħu. Hemm żewġ postijiet li tiġa kien hemm xi laqgħat fuqhom. Hemm post fi Triq Atoċja li qiegħed fi stat mhux daqstant tajjeb, però jidher li huwa post li jista' jiġi utilizzat, filwaqt li jista' jingħata permess biex jitla sular ieħor. Dan jista' jkun bħal mużew tal-Ħamrun li jkun jikkonsisti fl-istorja tal-Ħamrun tul is-snin. Biex dan isir irid ikun hemm fondi biex dan jiġi żviluppat. Il-kunsill jaqbel li dan isir.

## 14.04 Korrispondenza

14.04.01 Il-kunsill irċieva proposta minn Calypso Radio fuq possibilità ta' kampanja nformattiva fuq il-Ħamrun. Kunsill approva.

14.04.02 Il-Kumpanija Optimist (li joffri lezzjonijiet matul is-sena) reġet talbet lill-kunsill biex jitkomplew il-lezzjonijiet fis-sajf. Kunsill approva. Is-Sindku fakkar ukoll li mill-ġdid il-Kunsill se jkun qed jorganizza l-lezzjonijiet ta' reviżjoni bħas-snin ta' qabel.

14.04.03 F'Jum il-Ħamrun ingħataw xi rikonoxximenti u nħolqot kwistjoni mar-reffiegħa. Ir-reffiegħa bagħatu ittra fejn ħassewhom diżappuntati li dawn ma ingħatawx rikonoxximenti dirett lilhom, iżda l-kunsill ta' tifkira lil dik il-persuna li kien inkarigata dak iż-żmien. Huwa ħassew li ma' ġewx rikonoxxuti u li ma' ġiex apprezzata l-ħidma tagħhom. Permezz ta' korrispondenza intalbet laqgħa mill-kunsill mar-reffiegħa. Il-korrispondenza qeda mehmuża ma' dawn il-minuti. Fuq dan il-każ, saret diskuzzjoni libera fuq il-pass 'il quddiem. Fost dan, il-Viċi Sindku qal li f'Jum il-Ħamrun għandu jingħata Ġieħ il-Ħamrun biss, però fuq dan tkompliet id-diskussjoni li jkun tajjeb li nirrikonoxxu anke lil dawk li jkunu taw sehemhom biex jagħmlu ġieħ lil-lokal tagħna.

**14.05** **Attivitajiet**

14.05.01 Hemm diversi attivitajiet varji organizzati mill-Kunsill, fosthom Għana fil-Pjazza il-Ġimgħa 20 ta' Ġunju, filwaqt li is-Sibt 12 ta' Lulju se ssir l-attività *Pizza Experience the Fuata & Meat Fest.*

14.05.02 Issa beda x-xogħol ukoll fuq il-Festival taċ-Ċikkulata. Hemm il-ħsieb li anke jinġieb ċikkulatier minn barra però jirrikjedi ħafna fondi, però se nkunu qed naħdmu fuq possibilità ta' sponsor.

**14.06** **Festa tal-Immakulata Kunċizzjoni**

14.06.01 Fuq il-festa kollox se jimxi bħas-snin ta' qabel.

**14.07** **Mozzjoni**

14.07.01 Kopja ma' dawn il-minuti hawn mehmuża mozzjoni li ġiet imressqa mill-Minority Leader bl-isem ta' - *Studju dwar il-Kapaċità ta' Tolleranza ta' L-Iżvilupp – 'Carrying Capacity'*. Saret diskussjoni libera fuq dan l-istudju

14.07.02 Is-Sindku qal li filwaqt li l-kontenut huwa tajjeb, dak kollu msemmi qed isir minn diversi entitajiet tal-gvern. Saret diskussjoni libera fuq dan il-punt.

14.07.03 Fuq dan il-punt ittieħed vot fejn kien hemm tlieta favur u ħamsa kontra. Il-mozzjoni m'għaddietx.

**14.08** **Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

14.08.01 Il-Minority leader Jean Carl Agius Ciscaldi, qal li għandha tiġi kunsidrata talba li fejn Pjazza San Pawl, jkun hemm *traffic lights* fejn Pjazza San Pawl, flokk żebra crossing. Saret diskussjoni libera fuq din.

14.08.02 Huwa qal ukoll jekk hemmx possibilità li ssir mera fi Triq Villambroza, fejn hemm bar fil-kantuniera, meta wieħed ikun niżel minn Triq Kanonku Bonnici.

14.08.03 Il-Viċi Sindku ippropona li jsiru *traffic light* fi Triq Joseph Abela Scolaro, fejn hemm ħanut fil-kantuniera. Biex din issir trid tintbagħat korrispondenza lill-Transport Malta, fejn anke dawn jistgħu jibgħatu proposta min-naħa tagħhom ta' x'jista jsir biex it-traffic management f'din it-triq ikun aħjar.

14.08.04 Il-Kunsilliera Maria Baldacchino staqsiet jekk hux possibbli li fi Triq San Gejtanu jiżdiedu parkeġġi għall-muturi bejn in-numru 69 u 70.

14.08.05 Il-Kunsillier Mario Calleja semma li Triq Oscar Zammit qed isir xi xogħol u triq hija kemm xejn imħarbta. Is-Sindku qal li hemm qed isir xogħol minn żewġ entitajiet. Sar xogħol mill-EneMalta u qed isir xogħol mill-Water Services. Ċertu xogħolijiet jridu jsiru, u anke kien ideali li isir ix-xogħol f'daqqa. Qed ssir pressjoni biex jitlesta x-xogħol.

14.08.06 Huwa semma ukoll l-importanti li jkun hemm parkeġġ għall-muturi fi Triq San Franġisk.

14.08.07 L-istess kunsillier semma li hemm diversi rwejjaħ mit-tappieri li hemm. Is-Sindku qal li se jipprova li jsir xi ħasil però rridu naraw minfejn ġejja l-problema.

14.08.08 Il-Kunsilliera Maria Mallia għaddiet messaġġ li mportanti. li ħadd m'għandu jwiegħed xejn, diment dak li jingħad ma jkunx fattibbli.

14.08.09 L-istess kunsilliera qajmet il-punt li jintużaw is-servizzi mal-istess nies. Fuq dan il-punt ġie konfermat li dejjem inġiebu tlett stimi u bħala entita' tal-gvern jrid jintagħżel dak li joffri l-irħas prezz.

**14.09 Approvazzjoni tal-iskeda tal-pagament**

14.09.01 L-iskeda tal-ħlasijiet numru 05.2025 ġiet approvata mill-Kunsilliera Vince Bonello u sekondat minn Aymen Grech Pace (Viċi Sindku)

**14.10 Aġġornament tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

Laqgħa li jmiss hija skedata għall-Ħamis 31 ta' Lulju 2025, fil-5.30pm.

Christian Sammut
Sindku

Tanya Agius Borg
Segretarju Eżekuttiv